**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Giuseppa Borg**

Kaz Nru. 1130/2014

Illum, 30 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Giuseppa Borg, bint Giuseppe u Maria Grazia nee' Degabriele, imwielda Zejtun, fil-11 ta' Dicembru 1951 u residenti f' Ta' Pascarella Blokk A, House 3, Triq l-Imdina, Qormi, detentrici tal-karta tal-identita' 5052(M):

Talli fid- 9 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' 12:15 hrs gewwa Triq is-Sajf ta' San Martin Bahrija, Malta

(1) Ingurjat jew heddet jew insulentat lil PC 934 Owen Bilocca persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku jew bi hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

(2) Kif ukoll talli taht l-istess lok, data, hin u cirkostanzi, qalet kliem oxxen f'post pubbliku.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata tinsab akkuzata bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-fatti li taw lok ghal incident odjern huma s-segwenti: fid-9 ta' Novembru 2014 kienet il-gurnata tal-festa tal-Bahrija. L-imputata flimkien mar-ragel taghha, ma' binthom u t-tifla taghha kienu mistednin ghand familja mill-Bahrija li tirrisjedi fil-bidu tar-rahal. Joseph Borg, zewgt l-imputata, kien ghadu kif hareg mill-isptar ftit ta' jiem qabel billi kien ghamel intervent kirurgiku. Solitament jidher li huma kienu jipparkjaw quddiem wiehed mill-garaxxijiet jew gewwa wiehed mill-garaxxijiet ta' din il-familja. Gara izda li meta kienu ghadhom 'il boghod mir-residenza sabu li ma setghux jipprosegwu bil-karozza billi kien hemm il-barriers. Mal-barriers kien hemm ukoll ufficjali tal-pulizija biex ikunu jistghu jirregolaw l-andament tat-traffiku. Jirrizulta li kien hemm ufficjal tal-pulizija li ma kienx PC 934 li kien waqqaf lill-imputata u familjari milli jaccedu bil-karozza u ghalhekk kellhom jipparkjaw il-karozza.

PC934 Owen Bilocca[1] jixhed li ghall-habta tal-12:15pm waqt li kien qieghed xoghol liebes l-uniformi tas-servizz hdejn il-barriers marret l-imputata fuqu tilmenta ghalfejn kien halla xi karozzi jghaddu u ilmentat li kienet se tasal tard ghall-ikel u li kien se jkollha timxiha. Huwa jispjega li kellu ordni li residenti u kowces setghu jghaddu. Huwa jixhed li ta spjegazzjoni izda hija baqghet tilmenta u huwa kompla b'xogholu u hija mxiet u marret tilhaq lill-persuni li kienet maghhom. Jixhed li hekk kif dar semaghha tghid b'lehen gholi *"f*** kemm ghandu dak il-pulizija ma hallinix nghaddi"*. Huwa dar fuqha u qalilha li bl-edukazzjoni kien kellimha u li ma kienx offendiha u qalilha biex tieqaf ghaliex kien se jirrappurtaha. Hija cahdet li l-kliem kien indirizzat lejh. Tatu d-dettalji taghha ghalkemm fil-bidu ma ridietx ittihomlu. Bdiet tistaqsih min huwa u min kienet il-Maggur u huma identifikaw ruhhom u jghid li bdiet

[1] Seduta tat-23 ta' Frar 2015

tghidlu "issa tkun taf". Qaltlu wkoll li zewgha kien ghadu kif ghamel operazzjoni. Il-Maggur Audrey Cassar[2] xehdet in linea ma' dak li xehed PC 934 Owen Bilocca.

L-imputata min-naha taghha xehdet[3] li dakinhar kienu sejrin ghand familja hbieb taghhom u li l-pulizija ddirigewhom biex jipparkjaw u ma hallewhomx jibqghu dehlin aktar 'il gewwa. Hija tispjega li zewgha kellu problemi ta' sahha u ma tantx seta' jimxi fit-tul u billi rat karozzi ta' terzi li thallew jidhlu u b'hekk marret tilmenta izda ma nghatatx widen. Hija tixhed li billi zewgha beda jgerger hija kellmet hazin lilu u mhux lill-pulizija. Zewgt l-imputata u binthom jikkonfermaw li l-kelma hazina kienet indirizzata lejh.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-motiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

---

[2] Seduta tal-25 ta' Gunju 2015
[3] Seduta tal-25 ta' Gunju 2015

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato*." (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u l-Carrara jsostnu:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita' deve essere nota a chi resiste*."

Illi f'dan il-kaz partikolari ma rrizultax mill-provi li l-imputata heddet b'xi mod lil PC 934 Owen Bilocca. Illi ghalkemm il-versjoni tal-imputata hija li l-kliem li qalet ma kienx indirizzat lejn il-pulizija inkwistjoni l-Qorti in vista tar-rizultanzi processwali temmen lill-kuntistabbli. Madankollu, il-kliem li inghad minnha ma jinkwadrax bhala li huwa ingurja fl-konfront tal-istess kuntistabbli.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs William Mercieca**[4]

[4] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fl-20 ta' Gunju, 2014

*"It-tieni imputazzjoni din tirreferi ghall-artikolu 95. Mill-provi jirrizulta l-kliem hazin li sar fil-konfront tas-CO Camilleri. Tirrizulta wkoll l-offiza fuq il-persuna tal-persuna msemmija. Imma fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 95 hawn japplika biss ghall-offiza li ssemmiet fl-ewwel imputazzjoni.* ***Il-kliem ħażin la huwa ingurja u lanqas theddid***[5]*."*

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata. Madankollu l-Qorti ma tistax ma tikkumentax li filwaqt li cittadin ghandu dritt iressaq ilment tieghu, dan dejjem ghandu jsir bi prudenza u b'rispett lejn l-awtoritajiet.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni din giet sodisfacjentement ippruvata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u minha tilliberaha, wara li rat l-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannaha ghal-hlas ta' ammenda ta' hamsin euro (€50).

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat

[5] Emfasi maghmula mill-Qorti